Verżjoni Elettronika



*Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 20,547, 30 ta' Diċembru, 2020*
*Taqsima B*

---

**A.L. 485 tal-2020**

**ATT DWAR IX-XANDIR**
**(KAP. 350)**

**Regolamenti tal-2020 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Ġurisdizzjoni u Koperazzjoni Ewropea fix-Xandir**

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 37(2) tal-Att dwar ix-Xandir, il-Prim Ministru għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

**1.** It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti tal-2020 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Ġurisdizzjoni u Kooperazzjoni Ewropea fix-Xandir u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jinftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti dwar Ġurisdizzjoni u Kooperazzjoni Ewropea fix-Xandir, hawn iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali". Titolu. L.S. 350.04.

**2.** Ir-regolament 1 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej: Jissostitwixxi r-regolament 1 tar-regolament prinċipali.

"It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti dwar Kooperazzjoni Ewropea fix-Xandir.".

**3.** Ir-regolamenti 5, 6 u 7 tar-regolamenti prinċipali għandhom jiġu enumerati mill-ġdid bħala regolamenti 4, 5 u 6 u r-regolament 4 għandu jiġi mħassar. Iħassar ir-regolament 4 tar-regolamenti prinċipali.

---